

**Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

(2019/C 356/05)



*Wiċċ nazzjonali tal-munita l-ġdida commemorattiva ta' EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mir-Repubblika ta' San Marino*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-Żona tal-Euro kollha. Sabiex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha <sup>(1)</sup>. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 <sup>(2)</sup>, l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn commemorattiv li jkollu rilevanza simbolika għolja f'termini nazzjonali jew Ewropej.

**Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita:** Ir-Repubblika ta' San Marino

**Is-suġġett tal-kommemorazzjoni:** Il-550 anniversarju mill-mewt ta' Filippo Lippi

**Deskrizzjoni tad-disinn:** Il-munita turi fiċ-ċentru tagħha l-Madonna bil-Bambin, dettal tal-kapolavur ta' Filippo Lippi "Madonna bil-Bambin u żewġ anġli"; fuq, l-iskriżzjoni "SAN MARINO" u "FILIPPO Lippi", u fuq ix-xellug is-sena "1469" u l-ittra R li tidentifika l-Borsa ta' Ruma. Fuq in-naħa t'isfel fuq ix-xellug, il-firma tal-artista Maria Angela Cassol "M.A.C.", u fiċ-ċentru s-sena "2019".

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-tnax-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**L-għadd ta' muniti li se jinħarġu:** 60 500 munita

**Id-data tal-ħruġ:** Settembru 2019

<sup>(1)</sup> Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

<sup>(2)</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9 tal-14.1.2009, p. 52).